# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 ta' April, 2001.**

**Numru 6**

**Citaz. Nru. 522/01GV**

**Rimus & Co. Limited**

**vs**

**Supermaster Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn seba' mija u tletin lira (Lm2,737) rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u lilha konsenjata;

Premess illi minkejja li s-socjeta' konvenuta giet interpellata kemm il-darba sabiex tersaq ghall-hlas hija baqghet inadempjenti;

Premess illi d-dejn huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta' attrici s-socjeta' konvenuta m'ghandiex eccezzjonijiet x'taghti ghat-talba ghall-hlas;

Is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti, in vista tal-premess u tad-dikjarazzjoni guramentata ta' Joseph Vella, debitament awtorizzat sabiex jirrapprezenta s-socjeta' attrici, hawn annessa mmarkata dokument "X", u dispensat is-smiegh tal-kawza a termini tal-Artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn seba' mija seba' u

tletin l;ira (Lm2,737) rapprezentanti l-prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u lilha konsenjati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta/' qbid kawtelatorju numerat 853/01 CX, u bl-imghax kummercjali, kontra s-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet l-avukat tas-socjeta' attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**